MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' 22 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1481/2001/1

**John Micallef Engerer**

**vs**

**Corinne Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewwgu fil-Knisja Parrokjali ta’ San Gwann, fl-20 ta’ Awissu 1987 (Dok. “A”);

Illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga;

Illi in oltre, l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-

hajja mizzewwga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-istess kontendenti illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kontendenti ssimulaw il-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg.

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat fil-Kinisja Parrokjali ta' San Gwann, fl-20 ta' Awissu 1987 huwa null u bla effett skond il-ligi.

Illi l-istess attur talab li l-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fl-20 ta' Awissu 1987 huwa null u bla effett legali u sussegwentement taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament trid issir korrezzjoni fil-kunjom tal-konvenuta fl-atti kollha tal-kawza odjerna *stante* li fil-mori l-istess konvenuta bidlet kunjomha ghal dak ta' xebba ossija Camilleri;

2. Illi hija ma topponix ruhha ghall-annullament taz-zwieg tal-kontendenti pero` n-nullita tal-istess zwieg hija

unikament responsabilita tal-attur u konsegwentement hija m'ghandiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta.

Rat il-verbal tal-4 ta' Gunju 2002 fejn il-Qorti ordnat korrezzjoni fl-okkju b'dan li kunjom il-konvenuta jigi ndikat bhala 'Camilleri'. Inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-22 ta' Ottubru 2002.

Rat in-noti tal-konvenuta tas-17 ta' Lulju 2002, tal-25 ta' Lulju 2002, tas-6 ta' Awissu 2002 u tat-28 t'Awissu 2002 u l-affidavits hemm prezentati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. L-AZZJONI ATTRICI

Illi l-attur fil-premessi tieghu qed jitlob li z-zwieg li gie celebrat bejnu u bejn il-konvenuta fl-20 t'Awissu 1987 jigi dikjarat null peress li l-kunsens taz-zewg partijiet fil-mument taz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; kif ukoll kien vizzjat peress li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi dawn iz-zewg premessi huma kkontemplati fl-**artikolu 19(1)(d), u/jew (f) tal-Kap 255** tal-**Ligijiet ta' Malta u cioe' l-Att dwar iz-Zwieg.**

Illi dwar l-ewwel difett li l-attur qed jikkontendi li kellhom meta zzewgu huwa dak li hemm fl-**artikolu 19 (1)(d)** u cioe`:

*19. (1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg";*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha diversi okkazzjonijiet tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (Cit.Nru. 2233/99/RCP – deciza fit-22 ta' Marzu 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' ***Viladrich***:-

"*Thus, there is grave lack (of discretion of judgment) when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li

taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda impossibilita` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifika fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-***Bersini***, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (op. Cit., p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op. Cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea v. John Walsh"**, P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-

obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love"*.

Illi fl-**artikolu 19(1)(f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi inoltre fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); u **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000).

## B. PROVI PRODOTTI

Illi l-attur **John Micallef Engerer** fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu ddikjara li l-kontendenti ghamlu l-

eghrusija taghhom johorgu darba fil-gimgha biss minhabba l-hinijiet twal li kienet tahdem il-konvenuta u minhabba s-*shift* tieghu. Kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom izda nonostante dan iddecidew li jizzewgu. Imbaghad f'Lulju 1987 kien hemm nuqqas ta' qbil bejnu u bejn il-familjari taghha u l-konvenuta telqet mid-dar u marret toqghod ghand ommu. F'Awissu 1987 izzewgu. Huwa xehed li l-konvenuta tbati minn kundizzjoni kronika serja ta' sahha, *haemophilia*, u peress li hu kien jaf x'inhuma l-konsegwenzi ta' tali kundizzjoni huwa eskluda minn qabel iz-zwieg il-possibilta' li jkollhom tfal miz-zwieg minhabba l-biza' ta' din il-marda. Huma sseparaw legalment f'Lulju 2001.

Illi **Christopher Camilleri**, hu l-konvenuta, spjega li sar jaf lill-attur meta beda johrog m'ohtu. Iddeskrivieh bhala bniedem rizervat mal-familja taghhom. Huma ma kienux ihossuhom komdi quddiemu. Kien hemm kunflitti bejn John u l-genituri taghhom partikolarment fuq il-hinijiet tal-hrug. John kien biedem li trid dejjem tghaddi tieghu anki mal-konvenuta. Ohtu kienet dejjem tipprova tikkuntentah.

Illi hu jaf li ohtu minn dejjem kienet titkellem li riedet tfal izda jaf li John qatt ma ried. Hu qatt ma ried imur ghal testijiet biex huwa u l-konvenuta jkollhom stampa cara kif jistghu jkollhom tfal li ma jkunux *haemophilics*. John donnu kien jibza' jkollu tfal minhabba li l-konvenuta hi *carrier* ta' *haemophilia*.

Illi **Charles Camilleri**, missier il-konvenuta, xehed dwar l-atteggament ta' John u ta' familtu u li bintu bdiet tagixxi differenti qiesu xi hadd kien qed jimbuttaha biex taghmel l-affarijiet. Komunikazzjoni bejniethom ma kienx jidher li kien hemm. Bintu telqet mid-dar u spiccat li lill-genituri taghha ma stednithomx ghat-tieg u kitbitilhom ittra f'dan is-sens. Stiednet biss lil hutha. Meta x-xhud sar jaf li John u bintu kienu se jizzewgu hu u martu marru l-Kurja biex jitkellmu mal-Monsinjur fuq is-sitwazzjoni u li riedu jzommu t-tnidijiet biex il-Kurja jkollha prova li John kien jaf li Corinne hija *carrier of haemophilia*. Irrizulta li John kien jaf bis-sitwazzjoni u kien anki ffirma karta quddiem xhieda

li kien jaf qabel iz-zwieg li Corinne kienet hekk u li ma kien se jaghmel xejn fiz-zwieg biex ma jkollux ulied.

Illi wara ftit taz-zmien irrangaw is-sitwazzjoni ta' bejniethom. Ix-xhud irrefera ghal sitwazzjoni meta l-kontendenti kienu ilhom erbatax-il sena mizzewgin u bintu ddahlet l-isptar. Kien hemmhekk li ndunaw li kien hemm il-problemi bejn bintu u zewgha ghax hu bilkemm kien imur jaraha. Meta mbaghad hi harget hu ried jissepara bonarjament. Irrizulta li hu kellu mara ohra u huma rawh aktar minn darba maghha.

Illi huwa kompla li jaf li Corinne dejjem riedet tfal. Darba minnhom irrefera ghal meta omm l-istess John qaltlu quddiemhom biex jaghmilha nanna u dan nonostante li setghu jkunu *haemophiliacs* li tah x'jifhem li John lil ommu kien qalilha li ma riedx tfal minhabba f'hekk. Anki bintu kkonfermatlu dan. Hija kienet anki gabet hafna dokumentazzjoni minn sptarijiet barranin dwar kif jista' jkollok tfal normali izda zewgha qatt ma ried jaraha jew jiddiskuti s-suggett.

Illi l-attrici **Corinne Camilleri** xehdet li erba' xhur wara li kienu johorgu flimkien ghamlet xi testijiet tad-demm biex tara hiex *carrier* ta' *haemophilia* u rrizulta fl-affermattiv. Din mhiex marda izda hemm il-possibilta' li jekk ikollha tfal dawn jistghu jkunu *haemophiliacs*. Missierha wera lil John ic-certifikati kollha tal-isptar Ingliz u hu qal lil missierha li ma kienitx problema. Hi kompliet li l-attur qatt ma qalilha qabel iz-zwieg li ma riedx ikollu tfal maghha izda kien biss wara z-zwieg meta dahlu fil-post taghhom u hi riedet li jibdew jibnu familja illi qalilha li ma riedx ikollu tfal ghax kien jibza'. Hi gabet hafna dokumentazzjoni minn barra dwar kif jista' jkollhom tfal minghajr problemi. Hu pero' ma kienx interessat u lanqas biss ried jaqrahom. *"Hu kien kompletament negattiv fuq is-suggett tat-tfal u lanqas biss ried jiddiskutih."* Infatti wara z-zwieg ghamlet snin fuq il-*contraceptive pill* ghax hu kien ighidilha li billi kienu joqoghdu ghand ommu ma kienx il-waqt. Ommu wkoll ikkummentat ghax ma riedx tfal *"mhux kemm ittihom injection u jghaddilhom".*

Illi hija xehdet li qabel iz-zwieg kien persuna li tiehu pjacir mieghu u kien *"caring"* ghalkemm mal-genituri taghha kien stramb. Sa mill-bidu nett kellhom problema kbira ta' nuqqas ta' komunikazzjoni kemm minhabba nuqqas ta' hin u kemm minhabba l-karattri inkompatibbli taghhom. Hi dak iz-zmien hasbet li wara z-zwieg l-affarijiet kienu se jinbidlu u jmorru ghall-ahjar. Spjegat imbaghad x'gara biex wasal li hi jkollha xi tghid mal-familja taghha. Kompliet li wara z-zwieg marru joqoghdu ghand ommu u s-sitwazzjoni ma kienitx wahda felici.

Illi **Fleur Camilleri**, mart Antonio Camilleri li jigi hu Corinne, xehdet li kemm-il darba kien idur id-diskors fuq it-tfal u l-attur kien jibqa' jsostni b'qawwa li ma riedx tfal. Dan kien ikkonfermat minn **Sonja Spiteri**. **Antonio Camilleri** xehed li huma ma kienux imorru spiss id-dar ta' ohtu peress li kellu t-tfal u kien jaf li John kien jiddejjaq li t-tfal joqghodu jigru u jilghabu ghax John kien ikun irid kollox f'postu.

Illi **Alfred Caruana De Brincat** jaf liz-zewg kontendenti qabel ma zzewgu. Hu xehed li kemm-il darba sema' lill-konvenut qabel ma zzewweg li ma riedx tfal. Dan il-kliem kien isir quddiem familtu meta l-attrici ma kienitx tkun prezenti. John kien stqarr mieghu li kien ihoss li kien dnub kieku kien ikollhom tfal morda. Hu ddeskriva li John kellu awtorita' kbira fuqha u dejjem ried ragun hu u hafna drabi rridikolaha fil-pubbliku.

Illi **Doris Camilleri**, omm l-attrici, spjegat kif iltaqghu u l-problemi li nqalghu. Spjegat li ghandha zewgt itfal li jbatu bil-"haemophilia" u jghixu hajja normali filwaqt li Corinne hi "carrier" ta' l-istess kundizzjoni u meta lill-attur qalulu huwa rrisponda li ma kienitx xi haga li ddejqu. Irreferiet ghal diversi incidenti ta' meta kien hemm l-inkwiet bejniethom. Fl-ahharnett xehdet li meta omm John kienet tmur id-dar taghhom kemm-il darba kienet tghidilha li ma kienitx taf ghalfejn John ma riedx ikollu tfal ladarba jekk ikunu bil-*haemophilia* l-akbar inkonvenjent hu li jiehdu biss *injection* u dan biss jekk it-tfal ikunu subien. Hu kemm-il darba qal fil-pubbliku fir-*restaurant* ta' binha Antonio li ma riedx ikollu tfal.

## C. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' FATT

Illi mill-provi rrizulta li l-partijiet izzewgu wara perjodu ta' circa sena u nofs li kienu ilhom johorgu flimkien. Mill-ewwel kien hemm problema bejn il-familjari tal-konvenuta u l-attur. Huma spjegaw li kien bniedem stramb maghhom u dan l-inkwiet wassal biex l-istess konvenuta titlaq mid-dar, tmur tghix ghand ommu u sahansitra ma stiednitx lill-genituri taghha ghat-tieg. It-tnejn qablu li kien hemm problema b'nuqqas ta' komunikazzjoni. Jidher illi qabel iz-zwieg, kien hemm ftit li xejn okkazzjonijiet fejn bejniethom tqajmet il-kwistjoni dwar it-tfal. Illi pero' meta l-ġenituri taghha semghu li kienu se jizzewgu marru l-Kurja sabiex ikunu certi li l-attur kien jaf li hi kienet *carrier* ta' *haemophilia*. In effetti rrizulta li kien jaf, tant li ffirma karta (Dok.CC1) fejn iddikjara s-segwenti:-

*"1) li jiena qieghed naghmel dal-pass b'konoxxenza l-aktar ezatta dwar il-fatt li l-gharusa tieghi giet dikjarata mir-Royal Free Hospital "The Katharine Dormandy Haemophilia Centre & Haemostasis Unit" ta' Londra bhala "carrier" tal-Haemophilia u li f'kaz ta' ulied dawn hemm il-probabilita' li jkunu haemophiliacs".*

*2) li jiena ma sejjer maghmel xejn fiz-zwieg biex ma jkollix ulied."*

Illi pero' diversi xhieda qalu li John kien ighid pubblikament, meta Corinne ma kienitx tkun prezenti, li hu ma riedx tfal ghax kien jibza' li jkunu morda. Anzi ma' Alfred De Brincat stqarr li kien ihoss li kien dnub li ggib tfal morda fid-dinja. Il-konvenuta min-naha taghha dejjem xtaqet tfal pero' ma kienitx a konoxxenza qabel iz-zwieg tal-hsieb tieghu. Infatti, fil-bidu peress li kienu jghixu m'ommu kienet tiehu l-*pill* ghax qalilha li ma kienx il-mument. Il-problemi bdew meta marru f'darhom u hi xtaqet tibni familja u hu ma riedx. Hija tant xtaqet li anki gabet dokumentazzjoni (Dok "CC 2" u "CC 3") minn barra sabiex ikunu jistghu jkollhom tfal mhux morda izda hu rrifjuta li jarahom u jiddiskuti s-suggett.

Illi wara hafna snin mizzewgin fejn skond il-konvenuta kien hemm diversi problemi fosthom il-komportament tal-attur lejha rrizulta wkoll li l-istess attur kellu relazzjoni ma' mara ohra u kien hemm xhieda li rawh maghha.

Illi l-attur fic-citazzjoni tieghu jippretendi illi l-partijiet kellhom difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha. Il-provi f'dan il-kuntest jidher illi huma relattivi ghal zewg fatturi, senjatament, fl-ewwel lok, il-fatt illi l-partijiet jidher illi kellhom nuqqas ta' komunikazzjoni sa minn qabel ma zzewgu; u, fit-tieni lok, il-kwistjoni li l-attur ma riedx ikollu tfal minhabba li l-konvenuta kienet *carrier* ta' *haemophilia* u b'hekk beza' li t-tfal tieghu jigu morda.

Illi l-awturi jikkondividu illi l-kuncett ta' *"diskrezzjoni ta' gudizzju"* jikkomprendi zewg elementi:- 1) il-maturita' ta' l-intellett u l-maturita' tal-volonta'; u 2) il-maturita' intelletwali da parti ta' l-individwu illi jaghti l-kunsens ghaz-zwieg u li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga. Illi gie dejjem ritenut illi hemm rikjest:-

a) element ta' *conceptual knowledge* u cioe' illi l-individwu jkollu kuncett baziku tan-natura u l-oggett taz-zwieg, ta' l-ghanjiet essenzjali tieghu u d-drittijiet u l-obbligi minnu naxxenti; u

b) element ta' *evaluative knowledge* u cioe' illi, fil-mument tal-kunsens, l-individwu jkun japprezza sostanzjalment x'jikkomporta z-zwieg, bl-implikazzjonijiet u l-konsegwenzi tieghu.

Illi l-komportament lamentat mill-kontendenti, konsistenti fin-nuqqas ta' komunikazzjoni u hajja komuni bejniethom, kif ukoll il-komportament tal-attur lejn il-konvenuta ma kienx dovut ghal nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Huwa minnu li kien hemm certu ammont ta' nuqqas ta' maturita' min-naha taz-zewg partijiet u dan hu evidenti kif giet gestita s-sitwazzjoni difficli li kien hemm bejn l-attur u l-genituri tal-konvenuta. Illi pero' dan ma jfissirx illi kien hemm nuqqas ta' maturita' intelletwali jew volittiva. Iz-zewg partijiet kienu ghadhom zghar meta bdew johorgu

flimkien u zzewgu ftit wara izda huma persuni ta' intelligenza u maturita' medja.

Illi kwindi f'dan il-kaz ma jirrizultax illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba xi difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, li kienu jaghmluha mpossibbli ghalihom illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi pero' jirrizulta illi l-eskluzjoni ta' l-ulied kienet tezisti anke fil-mument illi l-attur ta l-kunsens tieghu ghaz-zwieg. Dan jidher bic-car mill-provi prodotti mill-konvenuta kif ukoll minn dak li ddikjara huwa stess fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, cioe' *"Illi l-konvenuta tbati minn kundizzjoni kronika serja ta' sahha, ossija haemophilia, li l-esponent kien jaf x'inhuma l-kosegwenzi ta' tali kundizzjoni minn qabel iz-zwieg u eskluda l-possibilita' illi jkollhom tfal miz-zwieg minhabba l-biza' ta' din il-marda."*

Illi l-attur, fic-citazzjoni tieghu, jallega illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tieghu *ai termini* tal-**artikolu 19(1)(f).**

Illi ghalkemm il-Ligi taghna ma tiddefinixxix x'jikkostitwixxi l-elementi essenzjali taz-zwieg, il-Qrati taghna rritenew illi dawn il-kwalitajiet essenzjali jikkonsistu fil-komunjoni tal-hajja mizzewga, l-indissolubilita', il-fedelta' u l-prokreazzjoni tat-tfal.

Illi l-element tal-prokreazzjoni ta' l-ulied dejjem gie meqjus mill-Qrati taghna bhala element fundamentali fil-hajja matrimonjali tant li fis-sentenza **"David Mangion vs Maria Sciberras"** (P.A. (NA) 10 ta' Novembru 1999) inghad li:-

*"Ma hemm ebda ombra ta' dubju li l-prokreazzjoni huwa wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga." (vide:* ***"E vs F"*** (P.A. 1 ta' Lulju 1994).

Illi konsegwentement, il-Qrati taghna dejjem sostnew illi l-eskluzjoni ta' l-ulied jikkostitwixxi simulazzjoni parzjali tal-

kunsens u jgib mieghu n-nullita' taz-zwieg innifsu. Tant huwa essenzjali l-*bonum prolis* illi sahansitra meta l-eskluzjoni ta' l-ulied tkun kundizzjonata, il-Qrati taghna rritenew illi z-zwieg huwa null. Hekk fil-kawza fl-ismijiet **"Elizabeth Zammit nee Consiglio vs John Zammit"** (P.A. 14 ta' Marzu 1986), il-Qorti rriteniet illi z-zwieg kien null peress illi l-konvenut dahal ghaz-zwieg bil-kundizzjoni ta' l-eskluzjoni ta' l-ulied jekk l-attrici ma tibdilx il-karattru taghha.

Illi fattur essenzjali f'dan il-kaz huwa l-fatt illi l-attur jidher illi ma ddikjarax espressament l-eskluzjoni ta' l-ulied qabel iz-zwieg tieghu mal-konvenuta. B'danakollu, dan ma jostax il-konkluzjoni illi effettivament huwa kien issimula l-kunsens tieghu parzjalment, stante illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens. Infatti kif inghad fis-sentenza **"Dr.Stephen Muscat noe vs Maria Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Marzu 1995), l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu tista' tkun implicita.

Illi effettivament, kif diga' inghad, l-agir tal-attur kemm qabel u specjalment wara z-zwieg, ma jhalli l-ebda dubju dwar l-eskluzjoni tieghu ta' l-ulied. Huwa infatti kien stqarr ma' Alfred De Brincat li kien ihoss li kien dnub li kieku jgib tfal morda fid-dinja u b'hekk ma riedx ikollu tfal mill-konvenuta minhabba li hija *carrier* ta' *haemophilia*. Wara imbaghad li zzewgu, bl-iskuza li kienu qed joqghodu ghand ommu u li b'hekk ma kienx ghadu l-waqt qalilha biex tuza' l-*contraceptive pill* kif fil-fatt ghamlet. Kien biss wara li marru go darhom li hareg li ma riedx tfal minhabba din il-biza' li kellu u nonostante li hi gabet dokumentazzjoni minn barra biex jaraw kif jista' jkollhom tfal b'sahhithom hu ma riedx jarhom u wisq anqas jiddiskuti s-suggett. L-attur kien jaf li hi kellha din il-kundizzjoni u ffirma karta l-Kurja li ma kien se jaghmel xejn biex ifixkel li jkollu l-ulied imma in verita' l-komportament tieghu wera mod iehor.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess it-talba attrici ghandha tigi milqugha stante li z-zwieg hu null *ai termini* tal-artikolu 19(1)(f) billi l-attur issimula parzjalment il-kunsens tieghu.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess jikkontrastaw mat-talba attrici **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti John Micallef Engerer u Corinne Camilleri kkuntrattat fl-20 ta' Awissu 1987 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u a bazi tal-**artikolu 19(1)(f) tal-Kap.255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**22 ta' Ottubru 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**22 ta' Ottubru 2002**